KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 60 – IL-ĦAMIS 8 TA' ĠUNJU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**60.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

60.1.1 Ittra elettronika mibgħuta mill-Kunsillier Bernice Farrugia biex tiġi skużata mis-seduta minħabba mpenji ta' xogħol/studju. Il-Kunsill approva *nem con*.

**60.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

60.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (59) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

60.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 60.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

60.3.1 Ma kienx hemm.

## 60.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

60.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa dwar materja li qed teskala dwar l-abbandun ta' tiġieġ u sriedak li qegħdin jiġġerrew fi Triq Karmenu Vassallo u Triq Anton Manoel Caruana. Is-Sindku informa li kien irċieva xi ilmenti mir-residenti taż-żona li dawn qed ikunu ta' inkonvenjent għaliex is-sriedak b'mod partikolari jibdew mill-4.30 a.m. ta' filgħodu jiddnu u għaldaqstant jixtiequ li l-Kunsill jinvestiga u jieħu azzjoni biex ineħħihom. Is-Sindku informa li kien talab l-assistenza tal-Community Policing biex jintervjenu u jassistu minkejja li kien hemm xi reżistenzi minn xi residenti li qalu li mhu qed idejqu lil ħadd u li kienu ta' attrazzjoni għat-tfal u kull min jgħix f'din iż-żona. Is-Sindku informa li m'għandu l-ebda intenzjoni li jagħmel ħsara lil dawn il-kreaturi u se jkun qed jara kif dawn is-sriedak u t-tiġieġ jiġu rilokati fl-ambjent tagħhom. Se jkun qed jinforma b'aktar żviluppi dwar din il-materja fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin.

## 60.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

60.5.1 Ma kienx hemm.

## 60.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

60.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-8 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**<u>COMPLAINTS SHEET (08 May - 5 June 2023)</u>**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 140 | 09/05/2023 | Talba biex tissewwa ħofra fil-bankina | Pending | 23, St Rita G. Calleja | **Council** |
| 141 | 09/05/2023 | Ilment dwar ħafna friegħ ta’ qtates fit-triq | Settled | Triq it-Timu | **Animal Walfare** |
| 142 | 09/05/2023 | Ilment rigward karrozza ipparkjata fit-triq bir-rota maqlugħa għal ħafna ġimgħat no plate LDJ-606 Peugeot | Pending | Triq G. M. Azzopardi | **Community Police** |
| 143 | 05/09/2023 | Ilment rigward trailer mitluq fi Triq in-Namur. Qiegħed quddiem residenza 'Soleil' | Settled police called PC602 | Triq in-Namur | **Police** |
| 144 | 10/05/2023 | Talba biex tinżabar is-siġra taż-żebbuġ fi Triq Mons P.P. Saydon | Pending | Triq P. P. Saydon | **Council** |
| 145 | 10/05/2023 | Ilment fuq tappiera imkissra fuq il-bankina fi Triq S Erardi | pending | Triq S. Erardi c/w Triq C Bugeja | **Go plc** |
| 146 | 12/05/2023 | Qattus mejjet fuq il-bankina Triq G. Abos it-tieni zebra cross int u tiela min ħdejn The Model Shop | settled | G. Abos | **Cleansing** |
| 147 | 17/05/2023 | Talba biex jinqatgħu is-siġar mill-parapett ta' Browns Pharmacy | Pending | G. Abos | **Council** |
| 148 | 17/05/2023 | Fil-bidu ta' Triq il-Ħwawar qed jiġi wieħed iħalli l-ikel lill-qtates. Dan qed jattira diġa l-hornets | pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 149 | 17/05/2023 | Truck u Crane jaħdmu bla permess fi Triq il-Prinjol. Triq ġiet magħluqa bla permess. | Pending | Triq il-Prinjol | **Police** |
| 150 | 17/05/2023 | Ilment rigward żibel mhux tal- ġurnata fil-pjazza quddiem triq Anton Buttigieg li qegħda tiġri ta' spiss. | Pending | Anton Buttigieg | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 151 | 17/5/2023 | Bozza tixgħel u titfi fit-Triq K Vassallo | Pending | Triq K Vassallo | **Enemalta** |
| 152 | 20/05/2023 | Tappieri iħabbtu quddiem 107, Triq il-Wied | Pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 153 | 24/05/2023 | Hemm hafna haxix fi Triq il-Gharghur | Pending | Triq il-Gharghur | **Cleansing** |
| 154 | 24/05/2023 | Hemm kurduna mkissra fi Triq il-Għargħur c/w Sqaq Giarda | settled | Triq il-Gharghur | **Public Works** |
| 155 | 24/05/2023 | Ilment dwar irwejjaħ qawwijin ta' tarmac. Hemm bżonn isir xi ħaġa għax qed jagħmel ħsara lis-saħħa tan-nies. Id-djar ma' jistgħux jiftħu twieqi. Irid lill-Kunsill jagħmel xi ħaġa għax bit-telefonati biss mhux biżżejjed | Pending | Triq il-Ħwawar | **ERA** |
| 156 | 24/5/2023 | Ilment dwar tabella ta' Triq D Cachia li skont ir-resident hemm waħda nieqsa li kienet mwaħħla mall-ħajt tal-ufficċju tal-Mapfre. | Pending | Triq D Cachia | **Council** |
| 157 | 26/05/2023 | Hemm service box mas-substation ta' Triq GE Mercer imqaċċta u qed iżżomm fuq cables | pending | Triq GE Mercer | **Enemalta** |
| 158 | 29/05/2023 | Cupboard mitfuh fuq il-Bankina hdejn iz-Zebra cross fit-triq il-Wied. Fit-tarf ta fuq tat-triq. | Settled | Triq il-Wied | **Council** |
| 159 | 30/05/2023 | Ilment dwar irwejjaħ qawwijin ta' tarmac. Hemm bżonn isir xi ħaġa għax qed jagħmel ħsara lis-saħħa tan-nies. | Pending | Triq il-Wied | **ERA** |
| 160 | 30/05/2023 | Hemm parti mill-culvert ta' ftit il-fuq mir-Red Farm miksur | Closed | Triq il-Wied | **Infrastructure** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | u hemm periklu ta' xi inċident ieħor | | | |
| 161 | 30/05/2023 | Ilment truck jaħdem bla permess ħdejn Ben Estates | Settled | E.S. Inglott | **Police** |
| 162 | 31/05/2023 | Ilment rigward ħaxix ħażin fit-triq | Pending | Mons. P.P. Saydon u Trejqet il-Poeti | **Cleansing** |
| 163 | 31/05/2023 | Ħiereġ ħafna drenaġġ mit-tappiera ta' quddiem Maypole, Triq G Abos | settled - report no. 6802 | Triq Geronimo Abos | **W.S.C** |
| 164 | 01/06/2023 | Ilment rigward ħaxix ħażin fit-triq | Pending | Triq il-Poeti | **Cleansing** |
| 165 | 01/06/2023 | Ilment rigward mara tarmi borża taż-żibel fil carpark tal-JB. Car plate no CXX-200 | Settled | JB Carpark | **Council** |
| 166 | 01/06/2023 | Ilment rigward ħaxix ħażin fit-triq | Pending | Triq in-Namur | **Cleansing** |
| 167 | 02/06/2023 | Ilment dwar makkinarju bla permess qed jagħlaq Triq S. Erardi | Settled | Triq S. Erardi | **Police** |
| 168 | 02/06/2023 | Ilment dwar makkinarju bla permess qed jagħlaq triq S. Erardi | Settled | Triq S. Erardi | **Police** |
| 169 | 02/06/2023 | Ilment dwar makkinarju bla permess qed jagħlaq Triq S. Erardi | Settled | Triq S. Erardi | **Police** |
| 170 | 02/06/2023 | Hemm tabella tan-No Heavy Vehicles imdawra fi Triq il-Wied | Settled | Triq il-Wied | **Council** |
| 171 | 02/06/2023 | Telghet it-tappiera tad-drenagg fi Triq Geronimo Abos u hiereg hafna drenagg | Settled - report no. 7199 | Triq Geronimo Abos | **W.S.C** |
| 172 | 05/06/2023 | Talba biex isiru double yellow lines mal-ġnub 'site' fi Triq Stefano Erardi | pending | Triq Stefano Erardi | **Council** |

## 60.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

60.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

60.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

60.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania.

60.7.4 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Xogħlijiet infrastrutturali fil-playingfield mingħandi l-fornitur Proman għall-ammont ta' Eur4545.55 VAT inkluż;
2. Xogħlijiet infrastrutturali fil-playingfield mingħand il-fornitur Renald Demanuele għall-ammont ta' Eur2919.82 VAT inkluż;
3. Materjal pubbliċitarju għall-avveniment 'Iklin Rocks the Night Away' ta' nhar it-22 ta' Lulju mingħand il-fornitur icreate għall-ammont ta' Eur1947.00 VAT inkluż;
4. Materjal pubbliċitarju (Billboard) għall-avveniment 'Iklin Rocks the Night Away' għall-prezz ta' Eur2006.00 VAT inkluż;

## 60.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

60.8.1 Applikazzjoni PA 02091/23 – Garage no 4 and Garage no 5, Triq Patri Marjanu Vella – L-Iklin 'Proposed removal of an internal wall to interconnect two garages. Addition of parapet wall over garages to install pv panels and services.

60.8.2 Applikazzjoni PA 02734/23 – Triq San Mikiel c/w Triq Ġeronimo Abos, L-Iklin 'Change of use from Class 4C establishment to Class 4D establishment. Proposal also includes the introduction of glass railing in terrace and the sanctioning of a sign on facade, chimney flue and the location of the retractable awnings.

60.8.3 Applikazzjoni PA 02760/23 – 10 Triq Anton Manuel Caruana L-Iklin 'To renew PA/08800/17 – To demolish existing washroom, internal alterations to include a lift shaft, to convert ground floor to maisonette, first floor into separate unit and construct second floor apartment and third floor washroom. Proposal includes façade to remove existing stone closed balcony and replace with larger open balcony.

60.8.4 Applikazzjoni PA 02937/23 – White Rose, 33 Triq Ċensu Bugeja, L-iklin 'To demolish existing building, excavate site and construct basement garages, four overlying floors with one apartment per floor and a penthouse at setback floor level.

60.8.5 Applikazzjoni PA 03009/23 – 6 Triq Ġużè Ellul Mercer, L-Iklin 'To sanction garage space at basement level, approved in PA/3188/21.

**60.9 POST MORTEM DWAR FESTA FJURI 2023**

60.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-edizzjoni Festa Fjuri 2023 li ttellgħet b'suċċess fejn il-konkorrenza tan-nies kienet waħda sodisfaċenti. Il-ħidma kbira u kollettiva li saret mill-amministrazzjoni tal-Kunsill u l-Kunsill sħiħ ħalliet ir-riżultati mixtieqa.

Is-Sindku beda d-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-Għaqdiet tal-lokal fosthom Iklin Scout Group, Lija/Iklin Football Youth Academy u lill-artisti li pparteċipaw u kkollaboraw bis-sħiħ biex flimkien ma' numru ta' entitajiet u aġenziji oħra, il-Kunsill Lokali L-Iklin irnexxielu jtella avveniment kulturali/edukattiv ta' livell għall-komunità tal-Iklin.

Is-suċċess wara dan l-avveniment kien dovut għal varjetà li kien hemm matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu fejn il-programm tal-attivitajiet kien wieħed varjat minn taħdidiet għal mużika ferrieħa u allegruża għal sfilata minn gruppi Għawdxin bit-tema tal-fjura lfejn tellgħu spettaklu ta' żfin mill-isbaħ lejn tmiem din l-attività.

Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lejn id-Direttorat permezz tal-iskema li ħareġ għal dawn l-attivitajiet kulturali il-Kunsill irnexxielu jikseb il-fondi ta' madwar Eur11K biex itella b'mod professjonali din l-attività li skont is-Sindku kienet l-akbar waħda minn fost l-edizzjonijiet passati. Is-Sindku irringrazzja lill-artistipartikularment dawk mil-lokalità tal-Iklin u fl-aħħar u mhux l-anqas lill-Kunsillieri li ħadmu qatigħ biex jintlaħaq l-iskop anke fid-dawl tal-istudju 'Iklin Community Project' li qed jiġi mplimentatat minn fuq il-karta għall-proġetti konkreti.

Is-Sindku ikkonkluda li l-media tat *coverage* tajjeb lil dan l-avveniment fejn il-lokalità tal-Iklin kienet fuq l-aħbarijiet nazzjonali, il-paġna ta' facebook tal-Kunsill u anke permezz ta' pjattaformi oħra. 'Get Your Flower Power On: Festa Fjuri brightening Iklin's streets once again kien it-titlu magħżul minn Lovein Malta u 'Iklin set to be as colourful as ever with Local Council organising 'Festa Fjuri' this coming Saturday fuq il-pjattaforma GuideMeMalta.com

Sar xogħol tajjeb ħafna min-naħa tal-amministrazzjoni biex seta jsir dan kollu anke fejn jidħol il-PR. Is-Sindku ikkonkluda li l-edizzjoni ta' din is-sena li kellha t-tema 'Ħobb lin-Natura biex tkun f'saħħtek' ċertament tagħti *boost* lill-Kunsill għall-edizzjonijiet oħra futuri. It-temp kien wieħed eċċezzjonali u *setting-up* kien wieħed organizzat tajjeb ħafna inkluż l-infiorata li tat ħajja friska lil din l-attività kulturali.

## 60.10 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-UDITURI TAL-GVERN

60.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta t-tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Gvern.

60.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-Ittra ta' Direzzjoni u l-Accountant wieġeb fuq kull punt.

60.10.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

60.10.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

60.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku Dott Sciberras iffirmaw l-Ittra ta' Direzzjoni biex tintbagħat kopja oriġinali lill-Uffiċċju tal-Uditur Ġenerali NAO, lill-Udituri tal-Gvern Grant Thornton, u lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 60.11 DISKUSSJONI DWAR IL-ĦRUĠ TA' EMISSJONIJIET TOSSIĊI MINN IMPJANTI TAL-ASPHALT LOKALIZZAT FL-IKLIN

60.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-laqgħa li sejjaħ ftit tal-jiem ilu dwar l-ilmenti min-naħa tar-residenti li jirrisiedu fil-parti ta' fuq tal-Iklin fejn jidher li huma l-aktar milquta minkejja li ġew ukoll irreġistrati xi ilmenti min-naħa t'isfel tal-Iklin dwar irwejjaħ insapportabbli ta' tarmac jew kif qed jiddeskrivu l-istess residenti bħal lastiku jew tyres qed jinħaraq.

Is-Sindku sema l-karba tar-resident/i li ġew u lmentaw li minkejja li ressqu numru ta' rapporti mal-Awtorità ERA, xorta waħda ma jidher li sar xejn minkejja li din l-Awtorità hija l-awtorità regolatorja.

Is-Sindku fakkar lill-preżenti li l-Kunsill kien ikkummissjona lill-Konsulenti tal-Kunsill biex jippreparaw rapport dwar dan lura għas-sena 2020 meta l-Kunsill ħareġ stqarrija għall-istampa dwar dawn l-irwejjaħ mhux pjaċevoli u aktar minn hekk jekk l-istess irwejjaħ hux qed ikunu ta' detriment għas-saħħa tal-persuna.

Semma wkoll il-laqgħa li kienet intalbet mal-Onor. Ministru ta' dak iż-żmien Dott. Aaron Farrugia fejn wara żmien ta' stennija għal din il-laqgħa, il-Kunsill ġie ddevjat biex jiltaqa' mal-Uffiċċjali tal-ERA online peress li konna fil-pandemija COVID-19. Wara li sar il-każ mal-Awtorità, l-istess Uffiċċjali dehru kommessi li se jkunu qed jindirizzaw din il-materja u saħansitra kienu għaddew numru tal-emerġenza 24/7 biex ngħadduh ukoll lir-residenti biex jirrapurtaw mill-ewwel kull darba li jinnutaw dawn l-irwejjaħ. Dan biex l-ispetturi tal-Awtorità jkunu jistgħu jagħmlu spezzjonijiet fil-ħin li jkunu ħerġin dawn l-allegati emmissjonijiet tossiċi minn impjant lokalizzat fl-Iklin.

Is-Sindku kompla billi qal li s-sitwazzjoni mhux talli ma ġietx għan-normal iżda jirriżulta mill-ilmenti tar-residenti li l-attività minn dan l-impjant żdiedet tant li r-residenti għamli pressjoni mall-Kunsill biex issir laqgħa fl-immedjat.

Is-Sindku spjega li kull darba li l-Kunsill jirċievi lment dwar dawn l-emmissjonijiet, l-Uffiċċju amministrattiv jgħaddi r-rapport lill-Awtorità regolatorja però matul dan l-aħħar skambji ta' korrispondenza, il-Kunsill ġie infurmat min-naħa tal-ERA li minkejja li l-allegat impjant għandu l-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità ERA ma tistax tinforza għax m'hemmx leġiżlazzjoni fis-seħħ biex jinfurzaw fuq l-operat. Għaldaqstant id-diffikultà mhux ser tiġi riżolta kif ġieb u laħaq la m'hemmx leġiżlazzjoni fis-seħħ li tirregola lill-operatur.

In vista tal-imsemmi hawn fuq, u fid-dawl tal-laqgħa li saret mar-residenti li jħossuhom ferm frustrati u fl-istess waqt imbeżża għaliex dawn l-emmissjonijiet jistgħu ikunu ta' detriment għas-saħħa tal-persuna, is-Sindku qed jipproponi li l-Kunsill jikkummissjona *chemist analyst* biex isir Air Quality Monitoring fuq diversi żoni fl-Iklin biex jittieħdu *readings* ta' x'tip ta' gases huma u x'livelli hemm f'dawn iż-żoni u sintendi jekk l-imsemmija gases humiex ta' ħsara għas-saħħa tal-persuna.

60.11.2 Wara diskussjoni wiesgħa, kien deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill jikkummissjona *chemist analyst* biex il-Kunsill ikollu l-evidenza qabel ma jfittex passi ulterjuri oħra.

## 60.12 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

60.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju 2023 fil-5.30 p.m.

60.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju 2023 fil-5.30 p.m.

60.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.36 p.m.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |